KAPITOLU 02

# Il-Ħtieġa tal-Bidla

02

SOMMARJU

**01.** **Jistabbilixxi r-raġunijiet fundamentali għaliex is-sistema tal-pensjonijiet għandha bżonn tiġi riveduta.**

**02.** **Jipprovdi analiżi qasira tas-sistema preżenti tal-pensjonijiet.**

**03.** **Jipprovdi deskrizzjoni komprensiva tar-riżultati ta' l-istudji fuq is-sistema tal-pensjonijiet mill-1997.**

**04.** **Jippreżenta r-raġunijiet fundamentali għad-disinn tal-prinċipji u r-rakkomandazzjonijiet li huma l-qofol tar-riforma proposta tal-pensjonijiet.**



# 02.1 Ir-raġuni fundamentali għall-bidla

Kif wera d-dibattitu matul l-aħħar snin, il-kwistjoni dwar ir-riforma tal-pensjonijiet hija waħda mill-kwistjonijiet bażiċi tal-politika pubblika li Malta għandha tindirizza. Fil-verità, dan hu fenomenu li mhuwiex limitat għal Malta biss. Il-parti l-kbira tal-pajjiżi żviluppati jirrikonoxxu li l-qafas għall-għoti ta' pensjonijiet adegwati u sostenibbli jeħtieġ reviżjoni u tisħiħ biex jkun jista' jilqà l-isfidi li qed jinqalgħu li joħorġu minn fatturi demografiċi multipli, per eżempju, popolazzjoni li tixjieħ u fertilità baxxa bl-implikazzjonijiet tagħhom fis-suq tax-xogħol għall-pressjonijiet fil-finanzi pubbliċi li jirriżultaw - biex wieħed isemmi ftit minnhom. Ċertament, bosta stati fl-Unjoni Ewropea fl-aħħar għaxar snin bdew riformi maġġuri fis-sistemi tal-pensjonijiet tagħhom.

Huwa pertinenti li wieħed isemmi li f'Malta jeżisti qbil ġenerali fost l-Imsieħba Soċjali li, sabiex jiġu assigurati pensjonijiet adegwati u sostenibbli għall-popolazzjoni anzjana ta' għada, jiġifieri, il-ġenerazzjonijiet żgħar tal-lum, hemm bżonn ta' riforma fis-sistema tal-pensjonijiet. Id-diversi studji u analiżi li twettqu minn amministrazzjonijiet suċċessivi mill-1997 sal-lum jenfasizzaw il-konklużjoni importanti ħafna li jekk ma tiġix introdotta riforma xierqa u fil-ħin, is-sistema tal-pensjonijiet ser tidħol f'diffikoltajiet finanzjarji għax id-dħul mill-kontribuzzjonijiet mhux ser ikun biżżejjed biex jkopri l-ispiża tal-benefiċċji.

Iż-żamma ta' l-i*status quo* mhijiex għażla politika. Politika ta' ebda riforma żżid il-pressjonijiet fuq il-finanzi pubbliċi tal-pajjiż. Min-naħa l-oħra żieda fir-rati tal-kontribuzzjonijiet iżżid effettivament l-ispejjeż tal-produzzjoni u b'hekk ikun hemm effett negattiv fuq il-kompetittività ta' l-ekonomija tagħna. Madanakollu il-kwistjonijiet mhumiex biss ta' natura ekonomika u finanzjarja. Bl-istess importanza, politika ta' ebda bidla iddgħajjef serjament il-valur soċjali ta' l-assigurazzjoni li persuni anzjani jkomplu jirċievu benefiċċji tal-pensjoni li jiggarantixxu livell deċenti ta' għixien.

Għalhekk, l-iddisinjar ta' soluzzjoni li tistabbilixxi sistema ta' pensjonijiet li tassigura adegwatezza u sostenibbilità mhuwiex ħaġa faċli u għandhom jitqiesu numru kbir ta' kwistjonijiet.

Għandu jingħad bl-aktar mod dirett li politika ta' ebda riforma twassal, mill-anqas, għal riżultat soċjali negattiv wieħed. Studji lokali u internazzjonali jikkonfermaw li, jekk ma tinbediex riforma fil-pensjonijiet, il-valur reali tal-pensjonijiet riċevuti taħt is-sistema preżenti tal-pensjonijiet minn persuni li llum għandhom ħamsa u erbgħin sena u inqas, ser ikun tant svalutat li huwa dubjuz jekk il-pensjoni tkunx adegwata.

Analiżi tad-dikjarazzjonijiet magħmula lokalment, kull tant jippruvaw jagħtu stampa li ma hemm l-ebda kriżi fi żmien immedjat u medju. Il-posizzjoni li l-ġenerazzjonijiet żgħar tal-lum m'għandhomx għalfejn jinkwetaw u li għalhekk ma hemm bżonn ta' l-ebda bidla tista' tinstema' bħala attraenti. Iżda dan jipperikola l-prospetti ta' pensjonanti futuri. Ir-responsabbiltà ta' Gvern mhijiex dik biss li jissalvagwardja l-preżent iżda wkoll li jiżgura futur assigurat għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

Dewmien fir-riforma tal-pensjonijiet, mingħajr ebda dubju, jġib riżultat wieħed: it-trasferiment ta' legat ta' piż minn din il-ġenerazzjoni għal ġenerazzjonijiet futuri. Illum, il-Gvern, l-istituzzjonijiet politiċi, l-Imsieħba Soċjali u l-individwi bħala ċittadini u ġenituri, għad għandhom il-flessibilità suffiċjenti biex iwettqu l-miżuri b'mod gradwali u sostenut immirati lejn l-introduzzjoni ta' sistema tal-pensjonijiet li tassigura livell deċenti ta' għixien.

Aktar ma tiġi posposta d-deċiżjoni biex jinbdew il-bidliet meħtieġa fis-sistema tal-pensjonijiet tagħna, aktar nitilfu l-opportunitajiet li ndaħħlu r-riformi meħtieġa mingħajr wisq diffikultajiet, u fl-aħħar mill-aħħar, id-deċiżjonijiet isiru aktar iebsa, bi preġudizzju serju għas-sistema tal-pensjonijiet kif magħrufa illum u kif mixtieqa li tkun fil-futur. Dan mhuwiex wirt li Malta għandha tikkontempla, wisq inqas tiffaċilita.

Mhuwiex ta' sorpriża li, għad li hemm qbil ġenerali dwar il-ħtieġa li jiġu salvagwardati pensjonijiet adegwati u sostenibbli għal ġenerazzjonijiet futuri, hemm opinjonijiet differenti dwar il-kawżi u l-miżuri li għandhom jittieħdu.

Ċertament ma hemm l-ebda mudell lest li jista' jiġi adottat. Il-kwistjonijiet f'dan il-qasam huma varji u kumplessi. It-triq li għandha tittieħed għandha tinkludi numru ta' strumenti ta' politika li jindirizzaw l-isferi soċjali u ekonomiċi. Is-soluzzjonijiet li ġew adottati barra minn Malta jagħtuna stampa eċċellenti ta' għażliet li jeżistu biex tiġi indirizzata din il-materja fundamentali. Waqt li mudelli barranin mhux ser jaħdmu jekk jiġu trasportati kelma b'kelma u mingħajr ma jiġu adattati għall-karatteristiċi lokali, hemm, madankollu, numru ta' prinċipji fundamentali li għandhom jipprovdu qafas

għas-sistema ġdida - tkun xi tkun il-forma finali tas-sistema. Dawn huma diskussi hawn taħt.

01. Is-sistema ġdida tal-pensjonijiet u l-istrateġiji fiskali tan-nazzjoni ma jistgħux jiġu stmati indipendentement minn xulxin. Il-ħtiġiet, fuq żmien twil, tal-politika fiskali għandhom jitqiesu minħabba fil-fatt li pensjonijiet pubbliċi illum huma kompletament iffinanzjati fuq bażi ta' Ħallas Waqt Li Tkun Għaddej (Pay As You Go)-(PAYG).

Il-projezzjonijiet demografiċi juru biċ-ċar li l-popolazzjoni ser tonqos, li s-segment ta' persuni li jkollhom 60 sena u iżjed ser jiżdied esponentement meta paragunat ma' segmenti oħra ta' nies u li persuni qed jgħixu aktar. Min-naħa l-oħra r-rati ta' trabi li jitwieldu ser ikomplu jonqsu kontinwament.

Il-PAYG hu konness direttament mar-rata ta' rimpjazzament demografiku. Għalhekk, bħala riżultat, l-issoktar tal-pagament ta' pensjonijiet u benefiċċji kontributorji bis-sistema preżenti ser ikompli jkun ta' piż fuq l-ispiża pubblika, aktar u aktar hekk kif il-kontributuri jonqsu minħabba fil-bidliet demografiċi fuq imsemmija.

02. Skemi tal-pensjonijiet dejjem ġew konċepiti bħala, kemm jista' jkun possibbli, ffinanzjati minnhom infushom. Iżda, diversi studji magħmulin mill-1997 juru li l-formula ta' finanzjament PAYG, ukoll b'parametri mibdula, ma tindirizzax il-kwistjoni ta' sostenibbilità fit-tul billi tiżgura li sistema ġdida ta' pensjonijiet tiffinanzja lilha nfisha kważi kompletament, jekk mhux kompletament.

It-twemmin jew perċezzjoni prevalenti li jeżistu li l-għoti ta' pensjoni hu r-responsabbiltà unika ta' l-Istat għandhom jiġu kkumbattuti. L-individwi wkoll huma responsabbli biex jassiguraw li jieħdu d-deċiżjonijiet meħtieġa matul il-ħajja tagħhom tax-xogħol biex jassiguraw għalihom infushom livell deċenti ta' għixien meta jirtiraw. Il-kunċett ta' għin lilek innifsek hu wieħed li jeħtieġ jingħata konsiderazzjoni sħiħa. Għalhekk il-kwistjoni ssir waħda tad-determinazzjoni dwar x'għandha tkun r-responsabbiltà xierqa ta' l-Istat biex jassigura l-għoti ta' pensjoni adegwata.

03. L-iskemi tal-pensjonijiet għandhom ikunu kemm jista' jkun maqtugħin għalihom u trasparenti. F'dan ir-rigward għandha ssir distinzjoni ċara bejn fl-iskema ta' ffinanzjar, PAYG, bejn benefiċċji kontributorji u dawk mhux kontributorji. B'hekk tiġi stabbilita b'mod l-aktar dirett *ring fence* li tiżgura li l-finanzi mħallsa minn kontributuri għall-pensjonijiet tagħhom effettivament jirriżultaw f'benefiċċji tal-pensjoni sussegwenti. Waħda mill-kwistjonijiet fundamentali li għandhom jiġu indirizzati huwa safejn id-dħul miġbur mill-iskema PAYG għandu jiġi trasferit għas-sistema tas-servizz tas-saħħa - li llum huwa sostanzjalment iffinanzjat permezz tal-PAYG.

04. Ir-riforma tibqà meħtieġa irrispettivament mill-kwistjonijiet dwar adegwatezza u sostenibbilità. Is-sistema preżenti tal-pensjonijiet żviluppat b'mod inkrementali tul iż-zminijiet waqt li kienet tirrifletti aġir fis-suq tradizzjonali fejn l-irġiel jaqilgħu l-għixien tal-familja. Il-qafas regolamentarju tar-reġim preżenti tal-pensjonijiet huwa kumpless, diffiċli biex jinħadem u ċerti drabi inibittiv għal ċerti setturi tas-suq tax-xogħol. Is-sistema preżenti tas-Sigurtà Soċjali tista' twassal għal diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-persuni anzjani, u ma jagħtihomx wisq inċentivi biex jibqgħu fis-suq tax-xogħol. Hemm bżonn li r-rati ta' parteċipazzjoni fl-impiegi jitwessgħu u b'hekk jipprovdu għal kontribuzzjoni kbira biex tittejjeb is-sostenibbilità tas-sistema tal-pensjonijiet f'kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ. Il-miżuri biex jiżdied l-għadd ta' nies li jaħdmu jvarjaw minn żjieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fix-xogħol għal miżuri li jtawlu l-ħajja fix-xogħol fuq bażi volontarja jew mandatorja.

05. L-individwu għandu jkun jista' jissupera r-restrizzjonijiet imposti mis-sistema preżenti tal-pensjonijiet li jiddeterminaw il-*quantum* tal-pensjoni li wieħed jirċievi u għalhekk għandu jkun liberu li jagħżel li jinvesti biex jikseb pensjoni li tkun ogħla mid-dritt statutorju.

Is-sistema tal-pensjonijiet proposta f'dan ir-Rapport hi ddisinjata biex tirrispondi għal dawn il-prinċipji. Huwa pertinenti li wieħed ifakkar, madakollu, li l-proposti magħmula f'dan ir-Rapport, kif mitluba mill-mandat tal-

PWG, huma intiżi biex jindirizzaw il-kwistjonijiet makro u fundamentali li joħorġu mis-sistema preżenti tal-pensjonijiet u biex jipproponu rakkomandazzjonijiet għas-soluzzjoni tagħhom.

Għalhekk ir-Rapport ma jagħmilx referenza għal kwistjonijiet settorali u kwistjonijiet speċifiċi relatati ta' persuni li jibbenefikaw minn skemi eżistenti marbutin mat-tip ta' xogħol kif ukoll anomaliji fir-reġim preżenti. Madankollu, il-PWG hu ta' l-opinjoni li fejn jeżistu dawn il-kwistjonijiet speċifiċi dawn għandhom jiġu indirizzati fil-ħidma teknika li l-Gvern ser iwettaq ladarba jiddeċiedi l-bidliet li għandhom isuru.

### 02.2 Is-Sistema Preżenti tal-Pensjonijiet f'Malta

Malta għandha tradizzjoni pjuttost twila fl-għoti tal-pensjonijiet. Fl-aħħar tas-seklu dsatax, ġew introdotti l-ewwel skemi ta' pensjonijiet iffinanzjati mill-Gvern - l-ewwel għall-Korp tal-Pulizija ta' Malta u sussegwentement għas-Servizz Pubbliku.

Mill-introduzzjoni tal-Gvern Awtonomu fl-1921, ġew introdotti varji miżuri ta' sigurtà soċjali. Dawn huma elenkati fl-**Appendiċi V**. Tliet strumenti importanti ta' leġislazzjoni ġew introdotti fil-perjodu ta' wara l-gwerra:

- L-Att dwar il-Pensjonijiet għax-Xjuħ (1948). Din il-liġi pprovdiet għall-ħlas ta' pensjonijiet mhux kontributorji skond il-mezzi għal persuni li għandhom iżjed minn 60 sena.
- L-Att dwar l-Assistenza Nazzjonali (1956). Din il-liġi pprovdiet għal għajnuna soċjali u medika mhux kontributorja fuq bażi ta' skond il-mezzi lill-kapijiet tal-familja li għal xi raġuni ma setgħux jaħdmu.
- L-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali (1956). Din il-liġi pprovdiet għal skema ta' assigurazzjoni soċjali. Kienet iffinanzjata b'mod tripartit permezz ta' kontribuzzjonijiet mill-impjegat, minn min iħaddem u mill-Istat. L-iskema kienet obbligatorja u l-eliġibilità kienet tiddependi fuq ċerti kondizzjonijiet ta' kontribuzzjoni. L-iskema kienet tkopri mard, korriment u, mard fuq il-post tax-xogħol, qgħad, nisa romol, tfal ltiema u xjuħija. Ġiet estiża għal min jaħdem għal rasu fl-1965.
- L-emendi għall-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali (1979). Dawn l-emendi ppreskrivew l-introduzzjoni tas-sistema tal-pensjoni taż-Żewġ Terzi.

F'Jannar ta' l-1987 il-liġijiet fuq imsemmija ġew konsolidati fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (SSA) - illum il-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta. Għadd ta' benefiċċji oħra huma issa inkorporati f'dan l-Att.

Il-SSA fiha tlettax-il taqsima, kull waħda maqsuma f'numru ta' artikoli li b'kollox jilħqu 136. Il-biċċa l-kbira ta' l-artikoli jispeċifikaw il-kondizzjonijiet biex wieħed ikun intitolat għad-diversi benefiċċji. Oħrajn ifissru l-proċeduri amministrattivi u ta' infurzar, waqt li oħrajn jippreskrivu t-twaqqif ta' bordijiet u kumitati. Id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali (DrSS) għandu ċerti setgħat diskrezzjonali. Ir-rikorrenti jistgħu, madankollu, jressqu appell għand l-Arbitru jew fil-Qrati Ċivili, waqt li d-DrSS jista' ukoll jappella mid-deċiżjoni ta' l-Arbitru fil-Qorti Ċivili.

Il-SSA tipprovdi għal żewġ skemi bażiċi:

(a) L-iskema mhux kontributorja fejn id-dritt għaliha jiddependi fuq test tal-mezzi.
(b) L-iskema kontributorja fejn id-dritt għaliha jiddependi minn kondizzjonijiet speċifiċi ta' kontribuzzjoni.

Waqt li hu garantit il-provdiment ta' numru ta' benefiċċji soċjali mhux kontributorji għal dawk fil-bżonn, inklużi l-anzjani, għall-għanijiet ta' dan ir-Rapport, dik il-parti tal-SSA li titlob attenzjoni hija l-Iskema Kontributorja.

Il-kontribuzzjonijiet jitħallsu mill-persuni kollha li jaħdmu bi qligħ bejn is-16-il sena u l-età ta' rtirar. L-età ta' rtirar taħt l-SSA hija ta' 61 sena għall-irġiel u 60 sena għan-nisa. Wieħed jista' jaħdem bejn l-etajiet ta' 61 u 65 sena mingħajr ma jippreġudika d-drittijiet tiegħu għall-pensjoni u mingħajr il-bżonn li jitħallsu kontribuzzjonijiet soġġett li d-dħul ma jaqbiżx limitu stabbilit mal-paga minima. Il-limitu tal-paga minima huwa sussegwentement imneħħi mal-65 sena u ma titħallas ebda kontribuzzjoni.

L-iskema tipprovdi għal tipi differenti ta' kontribuzzjonijet biex tkopri kull tip ta' persuni li jaħdmu. L-impjegati iħallsu dawk li huma magħrufa bħala kontribuzzjonijiet ta' l-Ewwel Klassi, waqt li persuni li jaħdmu għal rashom iħallsu kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi.

Rigward kontribuzzjonijiet ta' l-Ewwel Klassi, kull persuna impjegata taħt kuntratt ta' servizz f'Malta hi meqjusa li hi f'impieg assigurabbli u soġġetta li tħallas dawn il-kontribuzzjonijiet. Għal kull persuna titħallas kontribuzzjoni maqsuma fi tlieta: il-persuna impjegata, min iħaddem u l-Istat iħallsu, kull wieħed minnhom, 10% tas-salarju bażiku ta' l-impjegat; il-kontribuzzjoni hija marbuta ma' limitu ta' paga massima. Min-naħa l-oħra, ir-rata tal-kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi hi maqsuma indaqs bejn l-Istat u l-persuna li taħdem għal rasha.

B'mod ġenerali l-pensjonijiet huma determinati b'formula bbażata fuq il-medja ta' l-aħjar tliet snin kalendarji konsekuttivi tal-pagi bażici ta' l-aħħar għaxar snin fil-każ ta' impjegati; u l-medja tad-dħul nett ta' l-aħħar għaxar snin fil-każ ta' persuni li jaħdmu għal rashom. Il-pensjoni tammonta għal żewġ terzi ta' din il-paga medja jew dħul. Fiż-żewġ każijiet, id-dħul pensjonabbli huwa marbut għal limitu ta' Lm6,750. Il-pensjoni sħiħa titħallas lil persuna li tkun ħallset jew ġiet akkreditata medja annwali ta' 50 kontribuzzjoni matul perjodu kontinwu ta' 30 sena. Anqas snin ta' kontribuzzjonijiet jirriżulataw f'pensjonijiet mnaqqsa fuq bażi lineari, bl-inqas numru ta' snin ta' kontribuzzjonijiet imħallsa meħtieġa biex tinġabar pensjoni ssettjat għal disa' snin.

Karatteristika kritika tas-sistema tal-pensjonijiet Maltin hija li d-dħul pensjonabbli massimu huwa marbut ma' limitu. Il-paga medja fil-ġimgħa gross hija ta' Lm97.54 (Lm5072.08 paga medja fis-sena). Il-limitu msemmi huwa fil-preżent 33% ogħla mill-paga medja fis-sena. Wara li tiġi rievuta l-pensjoni, id-dħul tal-pensjoni jiżdied sussegwentement biż-żieda ta' l-għoli tal-ħajja li hi preskritta mill-Gvern statutorjament fuq bażi annwali.

L-akkreditar ta' kontribuzzjonijiet hu permess waqt ċerti kontinġenzi; prinipalment:

- Armla, meta din l-armla ma taħdimx bi qligħ għal kull perjodu li fih ma terġax tiżżewweġ.
- Ex membru tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta jew tal-Forzi Armati ta' Malta li jirtira b'pensjoni tas-servizz wara li jkun temm is-servizz sħiħ qabel ma jilħaq l-età tal-pensjoni, għal kull perjodu li fih hu jew hi ma jkunux jaħdmu bi qligħ u ma jkunux laħqu l-età tal-pensjoni.
- Persuna li tmur barra minn Malta bħala ħaddiem voluntier fuq proġetti fl-oqsma tal-ġid u l-iżvilupp uman u l-protezzjoni ta' l-ambjent għal kull perjodu li fih hu jew hi jwettqu dak ix-xogħol volontarju u ma jkunux laħqu l-età tal-pensjoni soggetti għal krieriji statutorji definiti.
- Persuna li hi intitolata għal benefiċċji tal-mard, korriment jew tal-qgħad jew għal pensjoni ta' l-invalidità.

Il-klassijiet ta' persuni li ġejjin huma statutorjament eżentati mill-ħlas ta' kontribuzzjonijiet:

- Persuni li jkunu fl-edukazzjoni jew taħriġ *full time.*
- Persuni miżżewġin li ma jaħdmux bi qligħ u li l-konjuġi tagħhom ikun għadu ħaj.
- Persuni li jirċievu għajnuna taħt l-iskema mhux kontributorja.
- Persuni li ma jaħdmux bi qligħ li d-dħul tagħhom totali fis-sena ma jaqbiżx limitu speifikat (Lm430 jew Lm630 kull sena għal persuni mhux miżżewġin u miżżewġa rispettivament).
- Persuni li jaħdmu għal rashom li jaħdmu bi qligħ u li d-dħul fis-sena tagħhom hu inqas minn Lm390 fis-sena.

Sal-lum ġew iffirmati ftehim reċiproċi bilaterali dwar is-sigurtà soċjali mar-Renju Unit (1956), l-Awstralja (1991), il-Kanada (1992), l-Olanda (2002). Jeżisti ukoll ftehim mal-Libja (1990) li jippermetti li ħaddiema Maltin li jaħdmu fil-Libja iħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà nazzjonali tagħhom f'Malta.

B'rizultat ta' l-adeżjoni ta' Malta ma' l-UE, Malta hi regolata bir-regolamenti ta' l-UE 1408/71 u 574/72 rigward il-kordinazzjoni bejn stati membri f'materji ta' sigurtà soċjali.

L-għadd totali ta' pensjonanti fil-31 ta' Diċembru 2003 hu ta' 61,536. Il-Grafika 01 ta' hawn taħt turi kif il-pensjonanti huma distribwiti paragunati mad-dħul tal-pensjoni riċevut.

**Grafika 01: Pensjonanti u Dħul riċevut mill-Pensjoni fil-31 ta' Diċembru 2003[2]**




Kif jidher mill-grafika ta' hawn fuq, il-maġġoranza ta' pensjonanti jirċievu pensjoni ta' bejn l-Lm1,500 sat-Lm3,000. 21.5% tal-pensjonanti jirċievu dħul tal-pensjoni ta' Lm1,500 sa Lm2,000. 26.4% tal-pensjonanti jirċievu pensjoni ta' Lm2,001 sa Lm2,500, waqt li 16.5% jirċievu pensjoni ta' Lm2,501 sa Lm3,000. L-għadd ta' persuni li jirċievu pensjoni ogħla minn Lm5,000 hu spjegat bil-fatt li huma rċevew arretrati matul l-2003.

Analiżi oħra tal-benefiċċji u l-benefijarji tas-sistema preżenti tal-pensjonijiet tidher fl-**Appendiċi VI**.

## 02.3 It-Triq għar-Riforma fil-Pensjonijiet

Sa min-nofs is-snin disgħin, amministrazzjonijiet suċċessivi ntebħu li kien hemm bżonn li ssir valutazzjoni serja ta' l-adegwatezza u s-sostenibbilità tas-sistema tal-pensjonijiet fl-isfond ta' pensjonanti eżistenti u dawk futuri. Kemm l-amministrazzjoni Laburista kif ukoll dik Nazzjonalista emmnu li, meta wieħed iqis l-istat kritiku tal-kwistjoni taħt konsiderazzjoni, għandha tinstab t-triq li tieħu 'l quddiem permezz ta' istituzzjonijiet formali tal-Imsieħba Soċjali, biex ikun hemm, l-aktar qbil wiesgħa dwar il-passi li jkunu jridu jiġu adottati.

L-ewwel analiżi maġġuri tas-sistema tal-pensjonijiet ġiet kummissjonata f'Diċembru ta' l-1997 mill-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku (MCED). Is-sur Reno Camilleri ġie mistieden mill-MCED biex jippresjedi fuq kumitat kostitwit mit-*Trade Unions*, l-Assoċċjazzjoni tal-Pensjonanti (Pensioners' Association), l-Assoċċjazzjoni Maltija ta' Min Iħaddem (Malta Employers' Association), rappreżentanti tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, id-Diviżjoni ta' l-Ippjanar Ekonomiku (Economic Planning Division), il-Bank Ċentrali ta' Malta u, "fi stadju aktar tard", l-Uffiċċju tal-Prim Ministru bil-mandat li ġej:

*"… biex jirrapporta fuq l-anomaliji fit-tħaddim ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali rigward pensjonijiet u l-hekk imsejjaħ 'welfare gap', fuq id-differenza bejn l-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet taħt l-Att u l-ispiża totali magħmula fil-forma ta' pensjonijiet u benefiċċji oħra mogħtija ukoll taħt l-istess Att. Il-grupp suppost kellu jkompli x-xogħol li kien inbeda xi żmien fl-1992 / 93. Peress li l-istadju li kien intlaħaq ma setax jiġi ppreċiżat, ġie deċiż li dan l-istudju jiġi kkunsidrat bħala biċċa xogħol ġdida."*[3]

Il-konklużjonijiet li ntlaħqu li ġew imniżżla fir-rapport Camilleri huma li:

*"… (ir-rapport) jagħraf li l-impatt fiskali li dejjem qed jikber tas-sistema tas-sigurtà soċjali huwa ċertezza matematika li ma jistax jingħata t-tort għaliha kollu fuq il-Gvern ħlief safejn jidher li ma sar l-ebda tentattiv biex issir valutazzjoni serja dwar x'ser tkun is-sitwazzjoni futura.*

*… Għal żewġ raġunijiet għandha tittieħed minnufih deċiżjoni uffiċjali dwar jekk hux ser nipproċedu bi*

*strateġija ta' riforma jew le. L-ewwel, għax il-bidliet fil-parametri tas-sistema eżistenti jistgħu jġibu magħhom aġġustamenti meħtieġa ta' natura fiskali, ekonomika jew soċjali u, aktar ma jgħaddi ż-żmien biex jiġi solvut l-iżbilanċ tas-sistema, aktar ikunu drastiċi l-passi li għandhom jittieħdu. It-tieni, hu importanti li kwalunkwe riforma ssir gradatament fuq tul ta' żmien."*[4]

Ir-Rapport Camilleri jsemmi għadd ta' prinċipji strateġiċi li l-Gvern għandu jikkonsidra positivament biex jirriforma l-istruttura tal-pensjonijiet. Ir-rakkomandazzjonijiet huma kemm istituzzjonali kif ukoll parametriċi fin-natura.

Rigward ta' l-ewwel, ir-Rapport Camilleri jirrakkomanda li soluzzjoni fit-tul għandha tkun "skema ta' pensjonijiet b'żewġ saffi bil-Gvern u s-settur privat jipparteċipaw f'din l-inizjattiva ġdida"[5], li fiha:

*" … l-introduzzjoni ta' skema tal-pensjoni parzjalment iffinanzjata mill-privat biex tissupplimenta l-iskema PAYG tal-gvern tista' tkun pass vantaġġuż.*

*… kull azzjoni mill-gvern biex jintroduċi skema privata tal-pensjonijiet ma għandhiex tinftiehem mill-ħaddiema bħala pjan tal-gvern biex ineħħi minn fuqu r-responsabbiltà tiegħu għas-sigurtà soċjali. Il-Gvern għandu inevitabbilment jibqà l-garanti aħħari tal-wegħda tal-pensjoni."*[6]

Ir-Rapport Camilleri, waqt li jiddiskuti diversi mudelli dwar kif jista' jiġi introdott it-Tieni Pilastru, ma jagħmel l-ebda rakkomandazzjoni speċifika f'dan ir-rigward ħlief li t-Tieni Pilastru jeħtieġ kontroll qawwi u li "*task force* b'mandat ristrett ħafna għandha tidentifika dawn il-kwistjonijiet (ta' kontroll) u għandha ukoll tipproponi soluzzjonijiet plawsibbli għall-problemi l-aktar rilevanti li jirrigwardaw kopertura, kontribuzzjonijiet, investiment, etċ."[7]

Rigward ta' l-aħħar, ir-Rapport Camilleri jipperċepixxi soluzzjonijiet parametriċi, essenzjalment bħala miżuri jew aġġustamenti ta' żmien qasir għas-sistema preżenti. Fost l-aktar importanti hemm dawn li ġejjin:

(i) In-nisa jitpoġġew fuq l-istess età ta' rtirar tal-irġiel b'effett immedjat.[8]

(ii) L-età pensjonabbli għandha mandatorjament tkun 64 kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel; u titla b'sena kull sentejn.[9]

(iii) Is-salarju annwali massimu għall-finijiet tal-pensjoni għandu jinżamm fil-livell eżistenti ta' Lm6,750 għat-tliet snin li ġejjin; wara dan il-perjodu l-limitu għandu jiżdied skond is-salarju tal-President tar-Repubblika jew inkella l-Gvern jista' jiddeċiedi x'għandu jkun l-ogħla salarju għall-finijiet tal-pensjoni.[10]

(iv) L-arretrati eżistenti ta' kontribuzzjonijiet jkomplu jibqgħu l-istess soġġetti għal penali ta' 5% waqt li arretrati futuri jkunu soġġetti għal penali ta' 1% fix-xahar.[11]

(v) Konsiderazzjonijiet finanzjarji jiddettaw li l-kwistjoni dwar il-perjodu li għandu jittieħed[12] biex jiġi stabbilit il-qligħ medju li fuqu tiġi kalkolata l-pensjoni għandha tiġi ffaċċjata biex jiġu indirizzati problemi finanzjarji "marbutin ma' l-iskema preżenti tal-pensjonijiet li, jekk jibqgħu mhux korretti, joħolqu problemi akuti fil-futur".[13]

(vi) Kulħadd għandu jassumi r-responsabbiltà li jipprovdi għall-ħtiġiet tiegħu stess meta jirtira sabiex il-kontribuzzjoni ta' l-Istat tkun diretta għal dawk li għandhom bżonnha l-iktar, u l-għajnuna lilek nnifsek għandha tkun id-determinanti bażika tas-sistema tal-*welfare* bl-ewwel saff dirett lejn l-assigurazzjoni ta' pensjoni garantita għall-ħaddiema kollha.[14]

Fi Frar 1998 il-Forum għal Ekonomika Aħħar ħareġ *Value 2000: Focusing Resources for Superior Competition*. Id-dokument kien intiż biex jistimula diskussjoni u jibni consensus fost l-Imsieħba Soċjali rigward l-iżvilupp soċjo-ekonomiku kif ukoll il-viżjoni li għandha tiġi adotttata min-Nazzjon. Id-dokument iffoka primarjament fuq kwistjonijiet u rakkomandazzjonijiet relatati ma' l-ekonomija, il-kompettitività u l-miri li għandhom jiġu adottati min-Nazzjon.

Madankollu, jagħmel referenza speċifika għar-rwol tal-Gvern bħala "il-providitur ta' xibka ta' sigurtà". F'dan ir-rigward, id-dokument jippromwovi sistema ta' sigurtà soċjali li tħaddan indipendenza bil-karatteristiċi li jinkludu, fost l-oħrajn, sostenibbilità finanzjarja fuq tul ta' żmien billi tiżgura li s-soċjetà tkun kapaċi ġġorr il-piż fuq perjodu ta' tul twil ta' żmien.[15]

Id-dokument isostni li:

*"- il-gvern għandu jaħrab min-nassa ta' orjentazzjoni fuq tul qasir ta' żmien. Il-flus qed jintnefqu għall-problemi tal-lum. Iżda kważi xejn mhu qed isir biex il-problemi jiġu evitati; … Il-problemi għandhom jiġu megħluba ħolistikament …*

*- (għandu jkun hemm) valutazzjoni kontinwa ta' l-impatt fuq is-sistema tas-sigurtà soċjali tagħna;*

*- (għandu jkun hemm) valutazzjoni kontinwa tal-bidliet li jsiru fis-soċjetà. Problemi ġodda bħall-esklużjoni soċjali u l-foqra qed jinħolqu waqt li tipi ta' faqar antiki qed jiġu eradikati."*[16]

Barra minn dan, id-dokument iqiegħed il-ħtieġa li titħaddan l-indipendenza bħala "l-akbar sfida":

*"Is-sistema għandha tadotta approċċ flessibbli li jinkludi għajnuna lilu nnifsu (sforzi biex wieħed jilħaq l-isfidi waħdu), għajnuna reċiproka (sforzi mill-membri tas-soċjetà biex jgħinu lil xulxin) u għanjuna pubblika (servizz pubbliku).*

*Il-poplu għandu jkun inkorraġut u mhux penalizzat għax jagħżel li jgħin lilu nnifsu u għanjuna reċiproka minflok għajnuna pubblika."*[17]

Fl-1998, l-amministrazzjoni Laburista fil-Gvern, sostnuta mill-kumpanniji ta' assigurazzjoni Middle Sea Insurance Limited u Mid-Med Life Assurance, ikkumissjonat ażjenda internazzjonali ta' attwarji u konsulenti, Watson Wyatt Limited, sabiex:

" … jippreparaw rapport dwar l-għoti ta' pensjoni f'Malta minn perspettiva ta' attwarjali ……. (u) biex jirrapportaw dwar id-disposizzjonijiet fuq il-pensjoni f'pajjiżi oħra …".[18]

Ir-rapport, ippreżentat lill-Gvern fl-4 ta' Awissu, 1998, ikkonkluda li:

*"Ix-xenarju li l-aktar jista' jseħħ huwa li l-ispejjeż tal-pensjoni bbażat fuq il-benefiċċji preżenti sejrin jeċċedu b'mod dejjem jiżdied il-kontribuzzjonijiet għal pensjonijiet bbażati fuq livelli preżenti ta' kontribuzzjoni. … (u li) huwa biss fi żmien għaxar snin li l-iżbilanċ jiżdied b'mod sinifikanti u li l-finanzi ta' l-iskema preżenti imorru għall-agħar."*[19]

Watson Wyatt Ltd pproponew bidliet kemm parametriċi kif ukoll istituzzjonali għad-disinn ta' l-iskema tal-pensjonijiet. F'termini ta' bidliet parametriċi, Watson Wyatt Ltd pproponew li l-istruttura preżenti tal-pensjonijiet tiġi emendata kif ġej:

*"- … pensjonijiet huma limitati biex jiżdiedu b'rata li ma tkunx iżjed mir-rata ta' żieda fil-prezzijiet meħuda bħala 3% fis-sena.*

*- L-istess età pensjonabbli ta' 65 tiġi adottata għall-irġiel kif ukoll għan-nisa.*

*- Ir-rata kompleta ta' kontribuzzjoni minn min iħaddem u impjegati tiżdied b'1% tas-salarju (forsi 0.5% minn min iħaddem u 0.5% mill-impjegati)."*[20]

Rigward bidliet istituzzjonali, Watson Wyatt Ltd ipproponew:

*"Sommarjament l-opinjoni tagħna hi li jekk l-iskema tal-pensjonijiet statali tiġi modifikata biex tiżgura li tkun suffiċjenti fiha nnifisha finanzjarjament allura hemm każ qawwi għal Malta għal pensjoni tat-tieni saff. Nissuġġerixxu li l-karatteristiċi ta' sistema tal-pensjonijiet riformata jkunu:*

- *Is-sistema PAYG statali tipprovdi livell ta' pensjoni bażika ta' xibka ta' sigurtà.*
- *It-tieni saff li jipprovdi pensjonijiet addizzjonali.*
- *Il-pensjoni tat-tieni saff għandha tkun fuq bażi ffinanzjata.*

*Naħsbu li jekk sistema bħal din hi prevista allura għandu jkun hemm attrazzjonijiet konsiderevoli fil-pensjoni tat-tieni saff li tkun fuq bażi kontributorja definita ffinanzjata mis-settur privat (jiġifieri min iħaddem, unions u individwi) u fuq bażi personali. Ir-raġunijiet tagħna għaliex nissuġġerixxu dan l-approċċ iduru madwar il-ħtieġa ta' sistema flessibbli li tevita kemm jista' jkun id-dupplikazzjoni ta' l-isforz amministrattiv u li tkun mifhuma b'mod ċar mill-pubbliku Malti."*[21]

Wara li reġà ġie elett fl-1998, il-Gvern Nazzjonalista poġġa l-kwistjoni ta' sistema ta' pensjonijiet li tassigura adekwatezza sostenibbli bħala waħda mill-*policies* pubbliċi prinċipali li jeħtieġu reviżjoni u valutazzjoni. Fil-21 ta' Ġunju 1999, il-Prim Ministru ħatar il-Kummissjoni Nazzjonali dwar Riforma fil-Welfare (NCWR)[22] b'sett komprensiv ta' mandati mmirati biex:

*"jirrakkomandaw leġislazzjoni ġdida li (a) tkun aktar sempliċi, (b) tiżgura distribuzzjoni b'ekwità tal-benefiċċji mingħajr ma tnaqqas il-livelli preżenti tagħhom lil dawk il-benefijarji li għalihom dawk il-benefiċċji kienu oriġinarjament maħsuba, (ċ) tipprovdi għal sistema ta' amministrazzjoni ta' dawk il-benefiċċji li tippromwovi effiċjenza u effikaċja b'inqas spejjeż ta' amministrazzjoni waqt li tiżgura kontra l-abbużi u ħela, u (d) tiżgura sostenibbilità finanzjarja proġettata kemm għall-benefiċjarju kif ukoll għall-kontributur, kemm dak privat u dak statali."*[23]

Is-sett sħiħ tal-mandat kif ukoll l-għamla tal-NCWR huma ppreżentati fl-**Appendiċi VII**. Fit-twettiq ta' xogħlu, l-NCWR kien mitlub biex "jirreferi għar-rapport kummissjonat mill-MCED u l-Forum għal Ekonomija Aħjar ".[24]

Sa' l-aħħar ta' l-1999, l-NCWR ħejja, għal għanijiet illustrattivi, xenarji preliminarji u analiżi tas-sitwazzjoni tal-pensjonijiet f'Malta fuq il-bażi tal-mudell ekonometriku tal-Bank Dinji, msejjaħ Għodod għas-Simulazzjoni tal-Għażliet fir-Riforma tal-Pensjonijiet (Pensions Reform Options Simulation Toolkit) (PROST). Ir-riżultati tax-xenarji preliminarji "ikkonfermaw b'mod ġenerali l-inkwiet rigward il-finanzjament tal-pensjonijiet li kien ġie ddikjarat u kwantifikat mir-rapport Camilleri Report ta' l-1998 li kien ġie ppreżentat lill-MCESD."[25]

Rapport intitolat 'Rapport Interim' li poġġa l-kuntest għar-riforma fil-pensjonijiet u l-kwistjonijiet li joħorġu minnha, kif ukoll ippropona l-passi li għandhom jittieħdu, ġie ppreparat min-NCWR f'Diċembru ta' l-2001 u ppreżentat lill-Prim Ministru fit-23 ta' Marzu, 2002.

Il-President tal-Kummissjoni ta' dak iż-żmien sussegwentement ippreżenta Dokument ta' Ħidma għall-għanijiet ta' diskussjoni li ppropona abbozz ta' sistema ġdida għall-pensjonijiet. Id-dokument ipporopona, fost oħrajn, il-bidliet li ġejjin fis-sistemta tal-pensjonijiet:[26]

(i) l-età ta' l-irtirar għandha tiġi estiża għal 65 sena kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa, u għandha tiġi miksuba f'perjodu ta' għaxar snin.

(ii) Il-Pensjoni 2/3 tas-Sigurtà Soċjali (SSP) għandha tiġi kkalkolata fuq il-medja tal-paga/salarju li wieħed jaqla' matul l-aħħar 30 sena.

(iii) Id-dritt għal pensjoni sħiħa għandu jiddependi fuq li persuna tissodisfa l-kondizzjoni ta' 40 sena ta' kontribuzzjoni u medja ta' 50 kontribuzzjoni fis-sena tul dak il-perjodu.

(iv) L-ebda persuna ma għandha tirċievi anqas mill-Pensjoni Nazzjonali Minima – ekwivalenti għal 4/5 tal-Paga Minima Nazzjonali għal persuni miżżewġin u 2/3 għal kull persuna oħra.

(v) Għandu jkun hemm kategorija waħda biss ta' pensjoni li tinħoloq mix-xogħol; jiġifieri il-pensjoni taż-2/3.

(vi) Ladraba tiġi determinata iż-2/3 SSP, din m'għandhiex minn hemm tinbidel 'il quddiem iżda l-pensjonant ikollu l-benefiċċju addizzjonali ta' (a) żieda awtomatika għall-għoli tal-ħajja fis-sena ekwivalenti għal 75% tal-COLA, (b) ir-rikavat mill-assigurazzjoni privata tiegħu li timmatura.

(vii) M'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis miż-2/3 SSP minn xi pensjoni tas-servizz dovuta lil persuna, sakemm id-dritt għal dik il-pensjoni tas-servizz inkiseb wara l-2001.

(viii) Il-limitu taż-2/3 SSP fl-irtirar għandu jkun 2/3 tas-salarju statutorju tal-President ta' Malta, sakemm il-qabża (bejn il-massimu tal-lum u l-massimu ġdid) tinkiseb fuq perjodu ta' 10 snin.

(ix) Il-ħlasijiet tal-bonus ta' Ġunju u ta' Diċembru m'għandhomx jibqgħu jitħallsu.

(x) Il-kontribuzzjoni għandha tiġi applikata kif ġej: fil-każ ta' persuni impjegati, 7% tal-kontribuzzjoni ta' min iħaddem, 7% tal-kontribuzzjoni ta' l-Impjegat u l-kontribuzzjoni statali ta' 7% imorru fil-Fond ta' Sigurtà Soċjali, filwaqt li t-3% li jibqgħu ta' kemm il-kontribuzzjoni ta' min iħaddem kif ukoll ta' l-impjegat imorru għal Assigurazzjoni Privata. Fil-każ ta' min jaħdem għal rasu, 10% tal-kontribuzzjoni tagħhom u l-kontribuzzjoni ta' 5% imorru fil-Fond ta' Sigurtà Soċjali, filwaqt li 5% tal-kontribuzzjoni ta' min jaħdem għal rasu tmur f'Assigurazzjoni Personali.

(xi) Fid-dawl ta' dak hawn fuq imsemmi, għandha tiġi introdotta Assigurazzjoni Privata Mandatorja f'isem il-Kontributur li għandha tiġi mqiegħdha ma' provdituri ta' assigurazzjoni f'Malta kif jistgħu jiġu speċifikament liċenzjati mill-MFSA.

(xii) Impjegati jew persuni li jaħdmu għal rashom li jkollhom aktar minn 45 sena għandhom jingħataw l-għażla jew li jaċċettaw l-Iskema jew jagħżlu verżjoni modifikata li żżomm ħafna mill-aspetti tas-sistema eżistenti.

(xiii) Il-kondizzjonijiet għal pensjonanti eżistenti għandhom jibqgħu mingħajr tibdil, ħlief għal aspett wieħed, jiġifieri f'dawk il-każijiet fejn il-limitu eżistenti intlaħaq, iż-żieda awtomatika għall-għoli tal-ħajja tkun 75% tal-COLA fis-sena flimkien ma' żieda oħra kull erba' snin li għandha tkun ekwivalenti għal 1/4 taż-żidiet COLA fl-erba' snin imsemmija.

(xiv) L-iskema l-ġdida għandha tgħodd għall-impjegati kollha tal-Gvern, li għandhom dritt jirċievu pensjoni tas-servizz ħlief li (a) it-3% li jkopri pensjoni privata m'għandiex titħallas mill-impjegat jew minn min iħaddem, u (b) it-tnaqqis taż-2/3 SSP mill-pensjoni tas-servizz mhux kommutata għandu jkun applikabbli irrispettivament minn meta ġie miksub id-dritt għal dik il-pensjoni tas-servizz.

Id-Dokument ta' Ħidma ġie rivedut u diskuss min- NCWR. L-Imsieħba Soċjali ppreżentaw dikjarazzjonijiet bil-miktub. Wara s-sottomissjoni u r-reviżjoni ta' l-opinjonijiet riċevuti, il-Gvern ikkonkluda li kien ħtieġa ta' aktar reviżjoni u ħidma qabel ma wieħed jilħaq posizzjoni konklussiva.

Wara aktar xogħol ta' reviżjoni, f'Ottubru ta' l-2003, il-President ġdid tan-NWRC ppreżenta l-proposti rilevanti għar-riforma fil-pensjonijiet li ġejjin:[27]

(i) L-iffinanzjar tas-saħħa nazzjonali u l-pensjonijiet għandu jinqasam f'żewġ kontribuzzjonijiet separati.

(ii) Il-pensjoni taż-2/3 għandha tinżamm.

(iii) Pensjonijiet ta' l-irtirat u benefiċċji oħra relatati mal-pensjoni għandhom ikunu relatati biss mad-dħul ta' individwu li jkun qala' ma' l-irtirar.

(iv) Kontribuzzjonijiet għall-pensjoni m'għandhomx jinvolvu l-ebda finanzjament mill-Istat.

(v) Il-Kontribuzzjonjiet ta' l-impjegat u ta' min iħaddem għandhom ikunu 8% tad-dħul rispettivament.

(vi) Il-Kontribuzzjoni ta' min jaħdem għal rasu għandha tkun 12% tad-dħul.

(vii) Il-Kontribuzzjoni għas-saħħa għandha tkun:
- Impjegat: 2% tas-salarju gross, b'limitu ta' Lm200 fis-sena;
- Min jaħdem għal rasu: 3% b'limitu ta' Lm300 fis-sena b'minimu ta' Lm135;
- Min iħaddem: 2% tas-salarju gross, b'limitu ta' Lm200 fis-sena;
- Il-Gvern: 4% tas-salarju gross, b'limitu ta' Lm400 fis-sena.

(viii) Benefiċċji mhux kontributorji (jiġifieri *allowances* għat-tfal u *bonuses*) m'għandhomx ikunu relatati mal-kontribuzzjonijiet ta' l-impjegati rigward l-irtirar tagħhom stess; l-iffinanzjar ta' din l-ispiża mhux kontributorja ikun esklużivament permezz ta' tassazzjoni.

(ix) Il-pensjoni ta' l-irtirar għandha tkun ibbażata fuq sistema attwalizzata ta' ħafna saffi ffissati kif ġej:
- Saff 1: pensjoni minima garantita ffissata f'2/3 tal-paga minima nazzjonali;
- Saff 2: pensjoni inkrementali għandha tkun sa 2/3 tad-dħul pensjonabbli massimu jew 2/3 tal-medja tad-dħul fl-aħħar għaxar snin qabel l-irtirar;
- Saff 3: kontribuzzjonijiet mhux mandatorji għal skemi / prodotti magħżulin mill-kontributur (Saff 3) li jkunu eliġibbli għal inċentivi fiskali permezz ta' akkreditazzjoni.

(x) Il-perjodu pensjonabbli għandu jiġi estiż għal 35 sena.

(xi) L-indiċjar ta' pensjonijiet għandu jkun marbut ma' indiċi ta' l-inflazzjoni.

(xii) Kontributuri nisa għandu jkollhom il-permess li jassenjaw kontribuzzjonijiet għal pensjoni akkumulati lil kont ieħor u jippermettilhom li jikkreditaw kontribuzzjonijiet nieqsa matul perjodu ristrett ta' assenza mis-suq tax-xogħol.

(xiii) Is-sistemi riveduta ta' pensjonijiet għandha tikkonsisti fi skema PAYG u skema finanzjata.

(xiv) L-età ta' l-irtirar tan-nisa għandha tiżdied għal 61 fl-2004 u l-età ta' irtirar għandha tiżdied għal 65 f'pass ta' sena kull darba kull perjodu ta' erba' snin.

(xv) It-tneħħija ta' restrizzjonijiet fuq id-dħul preżentament applikabbli lil pensjonanti.

(xvi) L-istrumenti tas-Saff 3 jistgħu jkunu eliġibbli għal inċentivi fiskali permezz ta' akkreditazzjoni.

(xvii) Skemi ta' irtirar kmieni jistgħu jiġu mwaqqfa.

F'Novembru ta' l-2003, wara diskussjonijiet mal-Ministeru tal-Finanzi, il-Gvern ipprovda il-linji gwida li ġejjin għar-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet:[28]

(i) Tnaqqis fir-rata tal-kontribuzzjoni – maħsuba biex tissepara pensjonijiet mill-benefiċċji l-oħra. Ladarba l-kontribuzzjoni oriġinali tas-sigurtà soċjali kienet mistennija li tkopri medda wiesgħa ta' benefiċċji soċjali, l-kontribuzzjoni għas-saħħa għandha tkun separata u *ring fenced*. Ir-rati ta' kontribuzzjoni għall-impjegati kienu proposti li jkunu 8% minflok 10%, bil-Gvern jikkontribwixxi 9% minflok 10%. Kien propost li persuni li jaħdmu għal rashom jikkontribwixxu 12% biss minflok 15% bil-Gvern jikkontribwixxi 6% minflok 7.5%.

(ii) Żieda gradwali fl-età ta' l-irtirar minn 61 għal 65 sena għaż-żewġ sessi għandha tkun kompletament f'postha sa l-2015.

(iii) Bidla gradwali fin-numru minimu ta' snin ta' kontribuzzjoni meħtieġa għal pensjoni taż-2/3 għal 35 sena minn 30 sena għandha tkun f'postha sa l-2015.

(iv) Bidla gradwali fil-perjodu medju użat biex wieħed jikkalkola l-valur ta' pensjoni għal medja ta' l-aħħar għaxar snin mill-medja ta' l-aħjar 3 mill-aħħar 10 snin. Din il-bidla għandha tkun f'postha kompletament sa l-2015.

(v) Bidla fl-indiċjar tal-pensjoni wara l-irtirar minn indiċjar totali skond tkabbir tal-paga għal reviżjoni tal-pensjonijiet kull 5 snin b'perċentwali taż-żieda fis-salarju medju mħallas lill-impjegati tal-gvern.

Id-differenza fil-kontribuzzjonijiet bejn dak imħallas taħt is-sistema preżenti u l-kontribuzzjonijiet rakkomandati fil (i) ta' hawn fuq kellu jiġi dirett lejn l-iffinanzjar tas-servizzi tal-kura tas-saħħa.

Fl-aħħar ta' l-2003 l-NCWR stieden lill-Bank Dinji biex iwettaq simulazzjonijiet ekonometriċi xierqa biex jeżamina l-vijabbilità tal-linji gwida proposti mill-Gvern. Għandu wieħed jinnota li r-riżultati ekonometriċi li joħorġu mis-simulazzjonijiet magħmula mill-Bank Dinji jikkostitwixxu l-linja bażi li magħhom għandhom jiġu paragunati ir-rakkomandazzjonijiet

għas-sistema tal-pensjonijiet proposta mill-PWG f'dan ir-Rapport.

Il-Bank Dinji ppreżenta ir-rapport tiegħu lin-NCWR f'Marzu 2004. Il-Bank Dinji kkonkluda kif ġej:

*"Is-sistema preżenti tal-pensjonijiet tbati minn kwistjonijiet kemm ta' non-sostennibilità fiskali kif ukoll pensjonijiet baxxi fi żmien futur. Ix-xenarju li jirrifletti l-linji gwida tal-Gvern jirrimedja l-pensjonjiet baxxi billi jgħolli il-livell tad-dħul soġġett għal kontribuzzjonjiet, iżda dan iqiegħed aktar pressjoni fuq l-iżbilanċ. Il-proposta tar-riforma tibda ġġib bilanċ fis-sistema, iżda tnaqqas il-pensjonijiet konsiderevolment. It-tħallija barra ta' dawk li għandhom aktar minn 45 sena minn din ir-riforma tfisser spiża massima ta' 2% tal-GDP."*[29]

Fil-valutazzjoni tal-linji gwida mogħtija mill-Gvern, il-Bank Dinji sostna li:

*"Minbarra l-adegwatezza u s-sostennibilità fiskali, is-sistemi ta' pensjonijiet huma ġudikati wkoll fuq jekk id-disinn tas-sistema tal-pensjonjiet tinkoraġġixxix mġieba mill-parteċipanti fis-suq tax-xogħol li tkun ta' spiża għas-soċjetà. Fil-waqt li jista' ma jkunx possibbli li jitneħħew id-diżinċentivi kollha fi ħdan is-sistema ta' pensjonijiet, is-sistema ta' pensjonijiet għandha tipprova tkun kemm jista' jkun newtrali u tnaqqas impatt negattiv jew l-inċentivi li jista' jkun hemm. Fil-każ ta' Malta, hemm ħafna karatteristiċi fi ħdan is-sistema ta' pensjoni li għandhom jiġu kkunsidrati mill-ġdid"*[30]

F'dan ir-rigward, il-Bank Dinji qiegħed dan li ġej għal konsiderazzjoni:

(i) Il-fatt li l-akkumulazzjoni tal-kontribuzzjoni hija ta' 30 sena għal pensjoni taż-Żewġ Terzi, filwaqt li l-medja ta' tul ta' servizz qiegħdha madwar 38 sena, jista' jagħti inċentiv lill-ħaddiema biex jitolbu benefiċċji ta' l-invalidità u ma jagħtix inċentiva lill-ħaddiema biex jibqgħu fi ħdan is-sistema tal-pensjonijiet.[31]

(ii) Fil-każ ta' persuni li jaħdmu għal rashom il-ħolqa bejn il-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tinkiser. Dan jista' jwassal għar-riżultat li persuni li jaħdmu għal rashom jiddikjaraw inqas matul is-snin ta' xogħol tal-bidu, billi jafu li dan jiffrankalhom il-flus mingħajr ma jaffettwa l-pensjoni tagħhom u imbagħad jgħollu d-dħul tagħhom sostanzjalment fis-snin li jgħoddu għal pensjoni.[32]

(iii) L-adazzjoni ta' pagi totali (flus, sahra u pagamenti in natura) bħala bażi tat-taxxa, l-istess bħal bażi għat-taxxa fuq id-dħul.[33]

(iv) Iż-żieda fil-kontribuzzjonijiet ta' min jaħdem għal rasu għal 20%, l-istess bħal kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem u l-impjegati flimkien, u li 50% minn din il-kontribuzzjoni għandha titnaqqas mit-taxxi fuq id-dħul li tirriżulta fit-trattament ugwali għal dak ta' l-impjegati.[34]

(v) Li kontributuri jirċievu benefiċċji proporzjonati għal perjodu ta' kontribuzzjoni.[35]

(vi) It-tnaqqis ta' kontribuzzjoni minima għal ħaddiema *part time* biex il-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji jkunu jaqblu mal-qligħ attwali.[36]

(vii) It-tneħħija ta' diżinċentivi għal ħaddiema biex ikomplu jaħdmu lilhinn mill-età minima ta' irtirar.[37]

Is-simulazzjoni ekonometrika tal-Bank Dinji dwar il-proposti għar-riforma kif rappreżentati mill-linji gwida tal-Gvern jindikaw li "l-iżbilanċi ikunu kompletament mhux sostenibbli" għax fuq tul ta' żmien ikollhom jitħallsu pensjonijiet ogħla.[38]

Għalhekk, il-Bank Dinji kkonkluda li x-xenarju bbażat fuq "il-linji gwida tal-gvern ma kienx biżżejjed biex is-sistema tinġieb għal sostenibbilità fiskali".[39]

Flimkien mat-Tim Tekniku li kien magħmul minn rappreżentanti minn NCWR u mill-MCESD, il-Bank Dinji żviluppa proposta aktar qawwija minbarra il-linji gwida stabbiliti mill-Gvern – li jinkludu:

(i) Żieda oħra fl-età ta' l-irtirar lilhinn mill-età ta' 65 konformi ma' titjib futur fil-ħajja.

(ii) Indiċjar ta' pensjonijiet wara l-irtirar ma' l-inflazzjoni minflok il-kontribuzzjoni marbuta ma' 80% ta' l-inflazzjoni u 20% taż-żieda fil-paga.[40]

(iii) Il-pensjoni hi bbażata fuq qligħ ta' karrieri *full time*.[41]

(vi) Il-pensjoni mmirata għall-karriera sħiħa hija żewġ terzi tal-paga netta minflok żewġ terzi tal-paga gross.[42]

(vi) Tifsir ta' karriera sħiħa u għalhekk pensjoni sħiħa bħala perjodu ta' kontribuzzjoni ta' 45 sena.[43]

Barra minn hekk, il-Bank Dinji jikkunsidra l-għażla "biex il-benefiċċji jiġu protetti aħjar" fuq tul ta' żmien:

> *"… ħaddiema li għandhom 'il fuq minn 45 sena fiż-żmien tar-riforma iżżommu l-istruttura tagħhom ta' benefiċċji ta' qabel.*
> *Taħt din l-għażla, il-proposta (tal-Bank Dinji) tapplika għal dawk kollha li għandhom 45 sena jew inqas. Madankollu, hemm komponenti żgħar tal-proposta li jkunu japplikaw għal dawk li għandhom aktar minn 45 sena. L-età ta' irtirar tiżdied għal 65 u tkun tapplika għal dawk li għandhom iktar minn 45 sena ….. L-indiċjar tal-pensjonijiet wara l-irtirar ikun ibbażat fuq l-inflazzjoni mill-ewwel, u l-livell tal-kontribuzzjonijiet u tal-pensjoni massima jibda' jogħla wkoll mill-ewwel."*[44]

Madanakollu, il-Bank Dinji jiddikjara li "minkejja t-titjib fiskali f'kull waħda minn dawn l-għażliet, kull waħda minnhom tirriżulta f'tnaqqis sinifikanti fil-benefiċċji."[45] Il-Bank Dinji jargumenta favur it twaqqif ta' struttura ta' pensjonijiet imħallta:

(i) Ir-Rati tal-kontribuzzjoni ta' l-Ewwel Pilastru (is-sistema PAYG eżistenti) jibqgħu l-istess.

(ii) Il-kontribuzzjonijiet tat-Tieni Pilastru (skema ta' pensjoni finanzjata) jammontaw għal 2% kull wieħed minn min iħaddem u mill-impjegati u 3% minn min jaħdem għal rasu fl-2005, li jogħlew gradwalment għal 5% kull wieħed minn min iħaddem u l-impjegati u 7.5% minn min jaħdem għal rasu sa 2020.[46]

Bażikament, ir-reviżjonijiet kollha mwettqa mill-1997 jaslu għall-istess konklużjonijiet bażiċi li:

(a) is-sistema preżenti ta' pensjonijiet mhix sostenibbli għal perjodu ta' żmien twil; u

(b) matul iż-żmien l-adegwatezza tal-benefiċċju tal-pensjoni tonqos serjament.

Waqt li s-soluzzjonijiet proposti ivarjaw, madankollu, jaqblu fuq dawn il-prinċipji fudamentali li ġejjin:

- tiżdied l-età ta' l-irtirar;
- li l-kunċett ta' "għin lilek innifsek" għandu jiddaħħal u li, f'dan ir-rigward, għandu jiġi introdott it-Tieni Pilastru; u
- l-perjodu li għandu jitqies biex jiġi stabbilit il-qligħ medju li fuqu tiġi kalkolata l-pensjoni għandu jiġu rivedut.

## 02.4 Il-Passi li Jmiss

Kif muri fis-sezzjoni ta' hawn fuq, amministrazzjonijiet suċċessivi intebħu li s-sistema preżenti tal-pensjonijiet kellha tiġi riformata biex tilqa' l-isfidi ta' medda medja u twila ta' żmien waqt li ġew stabbiliti numru ta' kumitati ta' ħidma u ġew kummissjonati konsultazzjonijiet biex jippreżentaw ir-rakkomandazzjonijiet dwar it-triq li għandha tittieħed.

Ma hemm l-ebda dubju għall-awturi ta' dan ir-Rapport, li r-riforma għas-sistema tal-pensjonijiet teħtieġ azzjoni qawwija. L-importanza u l-impatt globali tar-riforma tal-pensjonijiet fuq is-setturi kollha tas-soċjetà jirrikjedi diskussjoni nazzjonali kostruttiva u proċess ta' konsultazzjoni qabel id-determinazzjoni konklussiva tal-Gvern dwar l-istrumenti ta' politika li għandhom jiġu applikati. Il-PWG jirrakomanda lill-Gvern li dan ir-rapport għandu jiġi ppublikat bħala White Paper biex jiffaċilita dan il-proċess.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 01

Il-Gvern għandu jikkunsidra b'mod pożittiv il-ħruġ tar-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet bħala *White Paper* biex jiffaċilita d-diskussjoni nazzjonali u l-proċess ta' konsultazzjoni meħtieġa dwar din il-materja imporanti.

Għalhekk, m'hemm l-ebda dubju li l-kwistjoni tal-pensjonijiet teħtieġ li tiġi indirizzata issa. F'dan ir-rigward il-PWG jirrakkomanda li l-Gvern għandu jkun iggwidat minn żewġ premessi.

L-Ewwel, li l-proċess tar-riforma tal-pensjonijiet għandu jkun ħolistiku kemm fid-disinn tiegħu kif ukoll fil-formulazzjoni tiegħu biex jassigura qafas b'saħħtu li jiżgura adegwatezza u sostenibbilità.

It-Tieni, li l-implimentazzjoni tal-miżuri ġodda għandha, kemm jista' jkun, tkun fuq medda ta' żmien u f'fażijiet.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 02

Waqt li l-proċess tar-riforma tal-pensjonijiet għandu jkun ħolistiku kemm fid-disinn tiegħu kif ukoll fil-formulazzjoni tiegħu, l-implimentazzjoni tal-miżuri li jikkostitwixxu s-sistema tal-pensjonijiet ġdida għandha, kemm jista' jkun, tkun fuq tul ta' żmien u f'fażijiet.

2 Ottubru 2004, Rapport Ad hoc, Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali
3 pg (i), Averting the Pensions Crisis: The Case of Malta, Reno Camilleri, Marzu 1998
4 pg, (iii), ibid
5 pġ 41, ibid
6 pġ 31, ibid
7 pġ 32, ibid
8 pġ 48, ibid
9 pġ 49, ibid
10 pġ 52, ibid
11 pġ 54, ibid
12 Fil-każ ta' impjegat il-pensjoni hija kkalkolata fuq id-dħul medju tas-salarju ta' l-aħjar tliet snin konsekuttivi ta' l-aħħar għaxar snin. Fil-każ ta' persuna li taħdem għal rasha, il-medja hija maħduma fuq l-aħħar għaxar snin.
13 pġ 58, ibid
14 pġni 59-60, ibid
15 pġ 56, Value 2000: Focusing Resources for Superior Competition, Forum for a Better Economy, Departiment ta' l-Informazzjoni , Frar 1998
16 ibid
17 pġ 57-57, ibid
18 pġ 1, Pension Provision in Malta, Watson Wyatt Ltd, Awissu 1998
19 pġ 3, ibid
20 pġ 12, ibid
21 pġ 5, ibid
22 NCWR kienet ippresjeduta mis-Sur Anthony Galdes minn meta twaqqfet sa Novembru 2001. Is-Sur Joseph Schembri hu l-President attwali.
23 Pġ 2, Kummissjoni Nazzjonali dwar Riforma fil-*Welfare* , Mandat, 21 ta' Ġunju, 1999
24 pġ 1, ibid
25 pġ 1, Situation Report on the Work of the National Commission on Welfare Report, A P Galdes, 27th March 2002
26 pġ 1 – 16, Chapter 2, Working Document, Office of the Chairman of the National Commission for Welfare Reform, 19 ta' unju , 2001
27 Pensions Reform Proposals, Kummissjoni Nazzjonali dwar Riforma fil-*Welfare* , 11 ta' Ottubru, 2003
28 4.02, The Maltese Pensions System: An Analysis of the Current System and Options for Reform, Bank Dinji, Marzu 2004
29 5.02, The Maltese Pensions System: An Analysis of the Current System and Options for Reform, Bank Dinji, Marzu, 2004
30 2.08 (i), ibid
31 2.08 (ii) ibid
32 2.08 (iii) ibid
33 2.08 (iv), ibid
34 2.08 (v), ibid
35 2.08 (vi), ibid
36 2.08 (vii), ibid
37 2.08 (viii), ibid
38 4.03 (i), ibid
39 4.05 (i), ibid
40 4.05 (2), ibid
41 4.05 (3), ibid
42 4.05 (4), ibid
43 4.05 (5), ibid
44 4.08(i), ibid
45 4.11(i), ibid
46 Explanatory Note Regarding the World Bank Proposal on the Reform of the System of Pensions in Malta, MCESD